MALTA

# QORTI CIVILI
## PRIM' AWLA
### ONOR. IMHALLEF
### ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 831/2013

Bank **of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Charlton Chetcuti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Bank of Valletta plc, li in forza tieghu eccepixxa illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti in atti n-Nutar Dottor Peter Carbonaro, wiehed datat 16 ta’ April 2003 (Dok. “A”) u l-iehor 18 ta’ Lulju 2006 (Dok. “B”) u permezz ta’ erba’ skritturi privati, wahda datata 11 ta’ Jannar 2005 (Dok. “C”), ohra datata 13 ta’ Frar 2006 (Dok. “D”), ohra datata 1 ta’ Marzu 2006 (Dok. “E”) u ohra datata 21 ta’ Gunju 2006 (Dok. “F”), is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Charlton Chetcuti;

Is-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Charlton Chetcuti fis-somma ta’ tlieta u tmenin elf, disa’ mija u tnejn u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€83,942.58) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” ta’ Charlton Chetcuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “G1 sa G6”, Dok. “H1 sa H2”, Dok. I1 sa I20” u Dok. “J1 sa J2”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Lulju 2013 sad-data tal-effettiv pagament;

Sehhew whda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C", "D", "E" u "F") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Charlton Chetcuti;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi;

(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati; u/jew,

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Charlton Chetcuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti personalment.

Il-konvenut Charlton Chetcuti gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Awwissu 2008, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "K", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C", "D", "E" u "F") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Charlton Chetcuti, (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi; (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati; u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Charlton Chetcuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Tikkundanna lil Charlton Chetcuti jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u tmenin elf, disa' mija u tnejn u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€83,942.58) bilanc ghad-debitu fil-

"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Charlton Chetcuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "G1 sa G6", Dok. "H1 sa H2", Dok. I1 sa I20" u Dok. "J1 sa J2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta' Lulju 2013 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Awwissu 2008 (Dok. "K") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-Bank rikorrenti li biha rriduca t-talba ghal €83,361.93.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat ma pprezenta ebda twegiba ghall-kawza, izda ressaq biss sottomissjonijiet finali kif awtorizzat jaghmel minn din il-Qorti.

Rat li s-sottomissjonijiet kollha mressqa minnu ma jxejnu bl-ebda mod it-talbiet mitluba minn Bank of Valletta p.l.c. li jinsabu pruvati sal-grad rikjest mil-ligi kemm permezz ta' dokumenti kif ukoll xhieda.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta p.l.c.; tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Charlton Chetcuti ihallas lil Bank of Valletta p.l.c. s-somma ta' tlieta u tmenin elf, tliet mija u wiehed u sittin ewro u tlieta u disghin centezmu (€83,361.93), bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Charlton Chetcuti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------